**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 657/2022**

***REPUBBLIKA***

***vs.***

***L-AVUKAT ĠENERALI***

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali mressaq nhar il-Ġimgħa, fl-**4 ta' Novembru, 2022** u li nġab għall-għarfien tal-qorti fl-4.00pm. Permezz ta' dan ir-rikors, l-Avukat Ġenerali qiegħda titlob lill-qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-26 ta' Settembru, 2022, fejn kienet ġiet milqugħa talba ta' Repubbblika sabiex titħarrek l-Avukat Ġenerali Victoria Buttiġieġ bħala xhud;

2. Il-qorti ma ordnatx in-notifika ta' dan ir-rikors, b'jedd għal tweġiba lil Repubbblika, minħabba li l-Avukat Ġenerali ressqet dan ir-rikors qrib wisq tas-seduta tat-8 ta' Novembru, 2022 u għalhekk anke minħabba li hemm is-Sibt u l-Ħadd fin-nofs, ma kienx ħa jkun hemm biżżejjed żmien għan-notifika tar-rikors. Tassew meta wieħed iqis li t-taħrika kienet ilha li nħarġet fis-26 ta' Settembru, 2022, l-Avukat Ġenerali kien messha ħasbet qabel biex tressaq dan ir-rikors u mhux ressqitu fl-aħħar mument;

3. Illi l-ewwel oġġezzjoni miġjuba mill-Avukat Ġenerali għaliex m'għandhiex tixhed, tinsab imsejsa fuq l-**artikolu 569(6) tal-Kodiċi Kriminali**. Dan l-artikolu jgħid li l-

Avukat Ġenerali jista' jordna li m'għandhomx jittieħdu proċeduri kriminali kontra xi ħadd, anke jekk fi proċess verbali l-maġistrat ikun qal li għandhom jittieħdu passi kontra dik il-persuna. L-istess artikolu jkompli jgħid li parti mweġġa' minn dik l-ordni li ma ssirx prosekuzzjoni, għandha l-jedd li tikkontestaha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati skont l-**artikolu 541(4) tal-Kodiċi Kriminali**;

4. L-Avukat Ġenerali tgħid li Repubblika la hi parti mweġġa' u lanqas ma kkontestat l-ordni tal-Avukat Ġenerali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Għalhekk tisħaq li l-Avukat Ġenerali ma tistax tixhed jew tippreżenta dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' ordnijiet biex ma jittieħdux passi kriminali;

5. Il-qorti tistqarr li din l-oġġezzjoni hija waħda li ma tinftiehem xejn. L-azzjoni li għandha quddiemha din il-qorti ma saritx taħt il-**Kodiċi Kriminali** iżda saret taħt l-**artikolu 469B(1)(a) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili**, li jgħid li l-qorti ċivili tista' tintalab tistħarreġ deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni;

6. Bil-ħniena hemm bżonn illi jingħad, biex din il-qorti tkun tista' twettaq dan ix-xogħol ta' stħarriġ, hemm bżonn li jiġi stabbilit jekk l-Avukat Ġenerali jkunx ħa deċiżjoni li ma ssirx prosekuzzjoni; u jekk iva, ir-raġuni għaliex ikun iddeċieda li ma ssirx il-prosekuzzjoni;

7. Sewwasew f'dan il-każ, ma hemm l-ebda xkiel fil-liġi li jżomm lill-Avukat Ġenerali milli jixhed quddiem il-qorti biex jagħti kont ta' għemilu. Kemm hu hekk, l-artikoli tal-**Kodiċi Kriminali** msemmija mill-Avukat Ġenerali mkien ma jgħidu li l-Avukat Ġenerali m'għandux jixhed f'azzjoni miġjuba taħt l-**artikolu 469B(1)(a) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili**. Anzi kien ikun tabilħaqq stramb ħafna li kieku kien hemm artikolu li jgħid hekk, għaliex x'tip ta' stħarriġ ġudizzjarju jista' jsir minn din il-qorti, jekk l-Avukat Ġenerali ma jipprovdi l-ebda tagħrif?;

8. Fuq kollox, din il-qorti qiegħda tifhem li f'dan il-każ Repubblika bilfors riedet tħarrek lill-Avukat Ġenerali sabiex tixhed jekk ħaditx deċiżjonijiet li ma ssirx prosekuzzjoni

minħabba li l-istess Avukat Ġenerali ħalfet fir-risposta tagħha, li biha kkontestat il-kawża mnedija minn Repubblika, li l-**artikolu 469B(1)(a) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili** ma jgħoddx għal dan il-każ għaliex hija qiegħda tgħid fl-ewwel eċċezzjoni tagħha li ma tathom l-ebda deċiżjoni;

9. Issa jekk kif qed tgħid l-Avukat Ġenerali fir-risposta maħlufa tagħha, hija ma tatx deċiżjoni, allura fir-rikors tagħha hija ġiet li semmiet l-**artikolu 569(6) tal-Kodiċi Kriminali** għalxejn, għaliex dan l-artikolu jgħodd biss fejn ikun hemm ordni biex ma ssirx prosekuzzjoni;

10. Dan kollu jkompli jseddaq il-fehma tal-qorti biex b'hekk tkun f'qagħda li tiddeċiedi aħjar din il-kawża, li l-Avukat Ġenerali tixhed u tgħid jekk hija ħarġitx ordnijiet li ma jsirux prosekuzzjonijiet jew le;

11. L-ewwel oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali għalhekk qiegħda tiġi miċħuda;

12. It-<u>tieni oġġezzjoni</u> mressqa mill-Avukat Ġenerali biex ma tixhidx tinsab imsejsa fuq il-fatt li qed jiġi allegat li hemm xi proċeduri ta' arbitraġġ internazzjonali fl-ICSID kontra Malta li jolqtu din il-kwistjoni;

13. Fl-atti tal-kawża iżda ma nġiebet l-ebda ordni jew deċiżjoni li żżomm lil din il-qorti milli tkompli b'din il-kawża. Għalhekk sakemm ma tinġiebx kopja formali u awtentika ta' deċiżjoni mogħtija minn xi organu ġudizzjarju internazzjonali li ordnat il-waqfien ta' dawn il-proċeduri, din il-qorti ma tistax twaqqaf dawn il-proċeduri;

14. L-<u>aħħar oġġezzjoni</u> mogħtija mill-Avukat Ġenerali hi li skont l-**artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali** u l-**artikolu 637(5) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili** ma jistax jintalab ħlief bil-permess tal-Avukat Ġenerali, l-esibizzjoni ta' proċessi verbali, atti ta' kompilazzjoni, jew dokumenti oħra dwar affarijiet kriminali, jekk il-proċess verbal, atti ta' kompilazzjoni, jew dokument ma jkunux iddepożitati fir-reġistru;

15. Għalkemm dan huwa kollu minnu, madankollu huwa sens komun li dawn l-artikoli ma jistgħux jgħoddu meta jkun qiegħed jiġi mistħarreġ l-għemil tal-Avukat Ġenerali nnifsu. Billi f'din il-kawża, Repubblika qiegħda titlob lil din il-qorti sabiex tistħarreġ appuntu l-għemil tal-Avukat Ġenerali, allura huwa ovvju li l-Avukat Ġenerali ma jistax jinqeda b'dan l-artikolu biex iżomm lil din il-qorti milli twettaq xogħolha;

**Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda tiċħad ir-rikors tal-Avukat Ġenerali mressaq fl-4 ta' Novembru, 2022 u tikkonferma l-ordni tagħha biex l-Avukat Ġenerali Victoria Buttiġieġ tixhed fis-seduta li jmiss tat-8 ta' Novembru, 2022.**

**Digriet mogħti llum, nhar it-Tnejn, 7 ta' Novembru, 2022.**

________________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

________________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**